MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 129/2006

Nicholas Vassallo
vs
Carmelo Pace

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi r-rikorrent jiddetjeni porzjon raba' fil-limiti ta' Hal-Xluq, Siggiewi ghal liema raba' r-rikorrent ghandu access minn go sqaq li jizbokka propju fuq l-ghalqa tieghu kif jirrizulta ahjar mill-pjanta annessa mar-rikors u mmarkata Dok. A, mil-liema sqaq ir-rikorrent ilu jghaddi minn mindu dahal fir-raba' 'il fuq minn ghoxrin sena ilu.

Illil-intimat ghandu raba' ohra fl-inhawi u dan l-ahhar ostakola l-access tar-rikorrent billi rama borg gebel u knatan u terrapien f'dan l-isqaq kif jirrizulta ahjar mir-ritratti esebiti mar-rikors u mmarkati Dok. B u C.

Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll vjolenti fil-konfront tar-rikorrent billi bl-agir ta’ l-intimat qieghed jigi mfixkel l-access liberu tar-rikorrent ghall-ghalqa tieghu.

Illi l-intimat interpellat sabiex inehhi l-ostakolu baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. tiddikjara li l-intimat ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront tar-rikorrent billi qed jostakola l-access liberu tieghu ghar-raba’ tieghu ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

2. tordna lill-intimat jirriprestina kollox ghall-istat originali tieghu billi jnehhi l-knaten, gebel u terrapien minn gol-isqaq in kwistjoni fi zmien qasir u perentorju kif joghgobha tistabbilixxi din il-Qorti;

3. fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent inehhi l-knaten, geben u terrapien minn gol-isqaq a spejjez ta’ l-intimat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji tat-13 ta’ Frar, 2006 u tal-21 ta’ Frar, 2006 kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta guramentata ta’ Carmelo Pace li biha espona:

1. Illi l-konvenut jirrileva illi t-tieni rekwizit sabiex tirnexxi l-‘*actio spolii*’ u *cioe*` dak ta’ l-“*spoliatum fuisse*” huwa nieqes u dana *stante* li ma kien hemm l-ebda disturb tal-pussess da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attur u dan ghaliex l-attur ghandu access ghar-raba tieghu kuntrarju ghal dak li huwa qed jallega fir-rikors promutur tieghu u dana hekk kif se jipprova l-istess konvenut waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

2. Illi l-konvenut jirrileva illi l-azzjoni hekk kif promossa mill-attur u *cioe`* dik ta' spoll privileggjat hija perenta *stante* li l-imsemmija azzjoni ma gietx mressqa fit-terminu stipulat mil-Ligi;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-Ligi.

Rat il-lista ta' xhieda prezentata mill-intimat.

**C. PROVI:**

Rat li fil-21 ta' Gunju, 2006 gie nominat il-Perit Joseph Jaccarini.

Rat ir-rikors ta' l-attur Nicholas Vassallo tas-7 ta' Novembru, 2006 li permezz tieghu semma:

"… Illi fir-rikors kien premess illi tali spoll mill-intimat kien gie kagunat mill-intimat stess li pogga terrapien, borg gebel u terrapien u knatan fil-passagg li l-esponent kellu access minnu;

Illi waqt il-mori tal-kawza, l-intimat nehha dan il-gebel u terrapien u minflok installa grada tal-hadid li ghandu cavetta huwa biss;

Illi ghalhekk jehtieg li l-kawzali tar-rikors jinbidlu kif fuq spjegat; …"

Carmelo Pace irrisponda li l-attur ma jistax issa jaqbad u jibdel il-kawzali u addirittura r-raguni ghalfejn huwa fetah din il-kawza ta' natura possessorja tieghu u dan ghaliex, skond hu, kien hemm xi zvilupp fil-mori ta' din il-kawza. Jekk sehh xi haga fil-mori ta' din il-kawza, l-attur certament illi kellu jew ghandu rimedji ohra x'jaghmel u mhux jitlob ghal korrezzjoni f'din il-kawza liema rimedji jiggarantixxu dritt illi jiddefendi ruhu wkoll l-istess esponent-konvenut…

Il-Qorti cahdet ir-rikors fis-7 ta' Marzu, 2007.

Rar ir-rapport tal-Perit Arkitett u Inginier Civili Joseph M. Jaccarini fejn semma:
"Irrizulta waqt l-access li nzamm u li l-verbal tieghu jinsab allaccjat ma' din ir-relazzjoni, li l-isqaq issa gie fornit b'sokor billi l-apertura originali tal-isqaq issa giet mdejqa billi nbniet koxxa bil-gebel u bieb tal-hadid twahhal biex b'hekk ikun hemm kontrol fuq l-uzu ta' l-isqaq. Il-knaten li kienu gew imqeghda fl-istess sqaq u li huma murija fir-ritratti a fol 4 u 5 li jinsabu fil-Process, tnehhew ghaliex kif jidher tajjeb fir-Ritratti li ttiehdu waqt l-Access li nzamm, l-uniku ostakolu li baqa' kien tul ta' kanna li x'aktarx kienet tintuza bhala sapport x'imkien.

L-entratura li kien hemm fil-parti fejn l-Isqaq kien jittermina, giet mblokkata bi pjanci u dan kif jidher tajjeb fir-Ritratt Nru: 2 li hemm fis-sett allacjat mal-Verbal tal-Access.

Hemm ukoll bieb fuq il-lemin tal-konfini ta' l-isqaq li x'aktarx jghati access lill-konvenut ghad-dhul fuq l-art tieghu li tinsab adjacenti ma' dik ta' l-attur."

Mill-Verbal ta' Access li sar fl-24 ta' Ottubru, 2006 jirrizulta:
"… Wara li saru xi verifiki li l-Perit Tekniku hass li kienu relevanti ghall-kwistjoni fosthom il-fatt li l-knaten li kienu tpoggew fl-istess sqaq kif jidher tajjeb fir-ritratt li jinsab a fol 4 tal-Process, kienu tnehhew u li l-entratura ghall-isqaq issa giet fornita b'bieb li naturalment jissakkar, dan kif jidher fir-Ritratt Nru: 4 anness ma' dan il-verbal mar-Ritratti l-ohrajn…"

Xehed <u>Joe Vassallo</u> li semma li l-attur jigi hu r-ragel ta' ohtu u li hu familjari mar-raba in kwistjoni u li ilu jaf lill-attur madwar 20 sena. Semma li kien hemm ix-xatba fl-isqaq u meta kienu jnizzlu l-mutur kienu jnizzluh minn hemm biex jghaddu ghall-ghalqa ta' l-attur ghax l-isqaq qieghed ezatt mal-ghalqa tieghu. Semma li l-ahhar darba li marru hemmhekk fl-ghalqa (xi tmien xhur qabel) ma setghux idahhlu l-mutur hax sabu barra maghluq.

Xehed Jimmy Vassallo u semma li ilu jmur fl-art in kwistjoni xi 20 sena u biex tmur ghaliha wahda mill-possibbiltajiet hija li tghaddi minn xatba b'xi pjanci.

Gew annessi depozizzjonijiet maghmulin quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali izda bi qbil bejn il-partijiet. Minnhom jirrizulta li Nicholas Vassallo kien semma li l-art in kwistjoni kienet giet ghandu b'kuntratt ta' l-4 ta' Ottubru, 1979, Atti Nutar Nicola Said. Mill-istess kuntratt johrog id-dritt tieghu ta' l-access. Semma li Carmelo Pace fl-ahhar ta' Jannar u Frar 2006 beda jghidlu biex ma jghaddiz mis-sqaq u beda jostakolah, b'mod li ma setax jghaddi bil-mutur u bil-kemm seta' jghaddi bir-rigel billi Pace pogga xi gebel. Wara li fit-13 ta' April, 2006 dahal jahrat Carmelo Pace kisser il-*gate* u bena pilastri, wahhal biex u qaflu b'katnazz. Zied li minn meta kien xtara l-proprjeta` dejjem ghamel uzu mill-isqaq sa April 2006 ghalkemm l-ewwel darba li gie impedut milli jidhol mill-isqaq kien fi Frar 2006.

Alfred Camilleri semma li Nicholas Vassallo kien qabbdu jahratlu l-art ghal xi erba' snin, gieli anke darbtejn fis-sena. Wara Nicholas Vassallo xtara mutur tal-hart hu stess.

Melvyn Vassallo, iben ir-rikorrent u li ghandu 32 sena semma li kien imur l-ghalqa u li dejjem kienu juzaw l-isqaq. Semma li fl-2006 twahhlu koxox u bieb tal-hadid.

Xehed Carmelo Pace u semma li ghandu bicca art fil-limiti tas-Siggiewi, Hax-Xluq li kien xtraha fl-1982. Semma li ghandu proprjeta` hdejn ir-rikorrent u li hdejn dawn il-proprjetajiet hemm sqaq li kien jinghalaq b'hajt u wara l-hajt hemm il-proprjeta` tar-rikorrent. Semma li Vassallo kien jaghmel uzu mill-isqaq. Semma li Vassallo kellu access iehor barra dan l-isqaq. Sostna li l-isqaq huwa tieghu. Wara li qamet kwistjoni fuq l-isqaq hu ghalqu wara li accerta ruhu li kien tieghu. Ghalqu ghall-habta ta' l-1983 u 2006. Izda bejn l-1983 u l-2006 ir-rikorrent xorta kien jghaddi ghalkemm hu kien qallu kemm-il darba li hemmhekk huwa tieghu.

Xehed Paul Azzopardi in rapprezentanza tad-Dipartiment ta’ l-Ghammieri li semma li ghandu artijiet registrati fuq Nicholas Vassallo u Carmel Pace hdejn xulxin u cioe` ta’ Vassallo *Plots* 884,885 u 893. Carmelo Pace kellu registrati fuqu 892, 908 u 908A. L-isqaq kien registrat ghal xi zmien fuq Carmelo Pace u mbaghad Vassallo ikkontesta dan.

Xehed in-Nutar Philip Said u semma li fil-kuntratt li ghamel Mr. Carmelo Pace fejn xtara din l-art in kwistjoni ma jissemmiex l-isqaq *per se*. Qal lill-konvenut kien qallu li l-kejl li xtara jekk jikkomprendi l-isqaq m’ghandux ikun hemm diffikulta` imma dejjem kellu jitkejjel il-kejl pero` fuq l-isqaq ma kien issemma xejn.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti fil-qosor:***

Illi r-rikorrent ghandu l-pussess ta’ porzjon raba’ fil-limiti ta’ Hal-Xluq, Siggiewi ghal liema raba’ r-rikorrent insista li ghandu access minn go sqaq li jizbokka propju fuq l-ghalqa tieghu kif jirrizulta ahjar mill-pjanta annessa mar-rikors u immarkata Dok. A, mil-liema sqaq r-rikorrent jinsisti li ilu jghaddi minn mindu dahal fir-raba’ ’l fuq minn ghoxrin sena ilu. Min-naha l-ohra l-intimat Carmelo Pace ghandu raba’ ohra fl-inhawi u skond ir-rikorrent ostakola l-access tar-rikorrent billi rama borg gebel u knatan u terrapien f’dan l-isqaq kif jirrizulta ahjar mir-ritratti esebiti u mmarkati Dok. B u C fir-rikors guramentat. Inoltre wara l-prezentata tar-rikors guramentat, kif gie stabbilit mill-espert tekniku Jaccarini waqt access, l-intimat ghalaq il-bokka li taghti mill-isqaq ghall-ghalqa tar-rikorrent b’bieb li jinqafel bil-katnazz b’mod li ghalaq l-ingress ta’ l-isqaq ghar-rikorrent kompletament, u din hija s-sitwazzjoni sal-gurnata tal-lum.

***D2. Aspetti legali fuq l-ispoll:***

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minnha kif presjeduta fid-19 ta’ Jannar, 2009 (Citazz. Nru.: 687/06FS) fl-ismijiet **Anthony Schembri *et* vs Mario Fenech *et*** fejn intqal:

***"1. Elementi ta' spoll***

Fl-ispoll, tliet elementi huma necessarji:

I. Pussess materjali – *Possedisse*
II. L-att ta' spoll jew molestja – *Spoliatum fuisse*
III. L-azzjoni ssir fi zmien xahrejn – *infra bimestre deduxisse*.

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili Superjuri fis-6 ta' Ottubru 2000, fl-ismijiet **Buttigieg Paul vs Buttigieg Raymond** intqal:
"Hu wkoll pacifiku illi element essenzjali biex l-azzjoni ta' spoll privileggjat tkun tista' tregi huwa l-pussess da parti tal-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta' dak il-pussess vjolenti jew klandestin da parti ta' l-ispojant u li l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xahrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv."

***2. Pussess ta' l-oggett spoljat:***

A. Pussess ta' liema natura jkun:

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-27 ta' Frar 1946, (Vol XXXII-II-238II) fl-ismijiet **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara** intqal:
"ma ghandux jitqies hlief il-pussess jew detenzjoni tal-ispoljat u l-ispoll ta' l-ispoljatur".

Fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri Civili fl-ismijiet **Julie Mazzitelli *noe et* vs Charles Spiteri *et***, deciza fis-27 ta' Frar 2003 wara li ikkwotat mis-sentenza tal-Prim'Awla (Imh. R. Pace) fejn kien intqal:
"Illi huwa ovvju li f'kawza ta' din in-natura l-oneru tal-prova ta' pussess taqa' fuq l-istess atturi, li jridu jippruvaw tali fatt ta' pussess…"

qalet:
"Huwa minnu li f'azzjoni possessorja l-indagini li trid taghmel il-Qorti ghandha tkun limitata ghall-fatt tal-pussess u ghall-fatt tal-ispoll u l-ebda indagini ohra ma hija permessa…"

F'dan il-kuntest, ta' min ighid, li l-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess ta' l-oggett

spoljat, izda tali pussess m'hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta` jew servitu`, izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza. (Ara **Joseph Vassallo Gatt *noe* vs Joseph Camilleri *proprio et noe* –** Appell Civili – 26 ta' Jannar 1996, u **Annetto Xuereb Montebello *et* vs Paolin Magri *et* –** Appell Civili – 19 ta' Gunju 1953).

L-istess principju gie ribadit ukoll fis-sentenza ta' l-Appell fl-ismijiet **Emanuel *sive* Leli Sammut vs John Sammut** tad-19 ta' April 1999, fejn l-istess Qorti ta' l-Appell sostniet:
"L-attur kellu jipprova b'mod konklussiv li kellu "*un possesso di fatto*", u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni."

Ghalhekk fl-Art 791 (a) tal-Kap 12 il-ligi u d-dottrina legali ma jippermettux f'kawza ta' din ix-xorta hlief eccezzjonijiet dilatorji minhabba l-iskop tat-tutela tal-pussess u f'dan ir-rigward hija ferm differenti mill-azzjoni petitorja fejn il-fondament u l-iskop taghha huma r-rikonoxximent u t-tutela tad-dritt (**Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 22 ta' Ottubru 1953).

Il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien u mhux il-pussess *animo domini*, u l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur. Konsegwentement, ghal din l-azzjoni, il-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita` tal-pussess turbat, u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pussess in *mala fede* (Ara **Maria Dolores Mifsud vs Michele Galea**, Appell Civili, 29 ta' Marzu 1957). Fil-kaz odjern, l-atturi stabbilew li huma kellhom il-pussess ta' l-art in kwistjoni.

Illi l-Artikolu 792(3) tal-Kap 12, jiddisponi li:
"Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll."

Hekk fil-kawza fl-ismijiet, **Joseph Cilia *et* vs Loreto Camilleri *et*** Prim' Awla - 12 ta' Gunju 1998, inghad li:

"Il-ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma taghtix lok ghal ebda indagini ohra barra minn dak li tistabilixxi
(a) il-fatt ta' pussess/ detenzjoni u
(b) il-fatt ta' spoll."

Indagini limitatissima, rigoruza u skarna. L-artikolu 791 (3) tal-Kap 12 jiddisponi:
"Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, u l-fatt tal-ispoll."

Fil-kawza **Mariano Farrugia *et noe* vs Peter Paul Cutajar** moghtija mill-Prim'Awla fit-23 ta' Ottubru 1998 gie affermat:
"Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikazi ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss."
(Ara wkoll **Margherita Fenech vs Pawlu Zammit,** Prim'Awla, 12 ta' April 1958; u **Francesco Busuttil vs Giocchino Scerri *proprio et noe*,** Prim'Awla, 14 ta' Marzu 1997).

F'kawza ta' spoll '*de recenti*' jew privileggjat, m'ghandux jitqies hlief il-pussess jew id-detenzjoni ta' l-ispoljat u l-ispoll ta' l-ispoljatur – Ara **Salvatore Abela vs Giuseppe Barbara*,*** Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Frar 1946. Minhabba f'hekk m'humiex permessi hlief eccezzjonijiet dilatorji f'kawzi ta' din ix-xorta, hekk kif provdut fl-artikolu 791(1) tal-Kap 12.

<u>B. Mera tolleranza:</u>
Fil-kawza deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-16 ta' Jannar 2008 fl-ismijiet **John Mary Schembri *et* vs Dominic Borg** intqal:
"F'dan il-kuntest, ta' min jaghmel differenza bejn pussess u mera tolleranza, *stante* li mera tolleranza ma tissodisfax l-ewwel rekwizit bhala element ta' spoll."…

<u>C. Ko-possessuri:</u>
L-actio spolii hi wkoll konsentita bejn ko-possessuri (ara **G. Caruana vs A. Caruana**, deciza mill-Prim'Awla tal-

Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 1984) u addirittura kontra l-komplici ta’ l-awtur ta’ l-ispoll u l-mandanti li jkunu nkarigawh (**Vol XXVIII-I-188**; **Vol XXXII-I-451**).

D. Ma jistax il-konvenut jeccepixxi l-legittimita` ta’ l-att:

Fil-kawza **Alfredo Delia vs Bonoventura Schembri *et*** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Frar 1958, intqal:

“l-ispoljant ma jistghax jirrispondi ‘*in difesa*’ li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagini tal-legittimita` jew le hija rizervata ghall-gudizzju petitorju”.

Ukoll fil-kawza **Vincenza Sammut *et* vs Salvatore Camilleri**, deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 1952 intqal:

“f’materja ta’ spoll ma tistax tigi permessa ebda eccezzjoni qabel ma jigi reintegrat l-ispoll (“*spoliatus ante omnia restituendus*”).

Jinghad ukoll li l-artikolu 535(1) tal-Kodici Civili jikkontempla azzjoni ta’ ordni pubblika bazata fuq l-ezigenzi ta’ utilita` socjali intiza ghall-protezzjoni ta’ kwalunkwe pussess u bl-iskop li hadd ma jiehu l-gustizzja b’idejn (ara **Fenech vs Zammit**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 12 ta’ April 1958).

E. Protezzjoni ghal hwejjeg korporali u ghal drittijiet u hwejjeg inkorporali:

Interessanti f’dan ir-rigward huwa dak li ntqal fil-kawza **Micallef vs Pace** fuq imsemmija meta l-ligi mbaghad issemmi l-pussess “*ta’ liema xorta jkun*” b’dan riedet tfisser li l-protezzjoni taghha kienet intiza mhux biss ghall-hwejjeg korporali, izda anke ghad-drittijiet u hwejjeg inkorporali peress li dawn ukoll huma suggettivi ta’ pussess, kif jista’ jidher mill-artikoli 310, 315 u 524 tal-Kodici Civili, fejn dawn jittrattaw dwar jeddijiet, *ad exemplum*, is-servitujiet. Ara fir-rigward decizjoni fl-ismijiet **Giuseppe Bugeja Bonnici vs Carmelo Grima**, Prim’Awla tal-Qorti Civili, deciza fl-20 ta’ Frar 1948.

Fil-kawza deciza fl-20 ta' Frar 1948 fl-ismijiet **Giuseppe Bugeja Bonnici vs Carmelo Grima**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, Vol XXXIII-II-210) jinghad li d-dritt ta' uzu ta' art ghall-kacca jista' jkun oggett ta' spoll ghax dritt inkorporali huwa protett ukoll bir-reintegranda basta l-pussess ta' l-art *in genere* jkun jezisti.

Fil-kawza deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Apap vs Michael Galea**, deciza fl-24 ta' Marzu 1975, dwar id-dritt ta' l-inxir inghad:
"Ghandha tinqata' in bazi tad-dispost ta' l-artikolu 360 li jaghti lill-attur bhala l-proprjetarju tal-bitha, il-proprjeta` ta' l-ispazju ta' l-arja soprastanti. Per konsegwenza l-appellanti ma jistax, minghajr il-permess ta' l-attur, a sigur ta' dritt, li fic-cirkostanzi ghandu jigi affermat anke minhabba l-ezigenzi tal-buon vicinat, la jaghmel u jqieghed sporgenzi ta' injam u wires ta' inxir fuq dak l-ispazju appartenenti lill-attur, u, wisq anqas, idendel u jonxor hwejjeg jew oggetti ohra mit-twieqi".

***<u>3. L-att ta' spoll jew molestja:</u>***
It-tieni element li jrid jigi ippruvat fl-*actio spolii*, hu li l-atturi effettivament gew spoljati mill-pusess taghhom – l-att ta' spoll jew molestja – *Spoliatum fuisse*. Illi hawnhekk, hu bizzejjed li jkun hemm nuqqas ta' kunsens, espress jew tacitu, ghal min isofri l-ispoll – Ara **Carmelo Rosario Dimech vs Antonia Fenech *et***, Prim' Awla, 26 ta' Jannar 1957, u **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott,** Appell Civili, 2 ta' Dicembru 1955.

<u>a. *Animus spoliandi*:</u>
Fl-azzjoni ta' spoll privileggjat, l-*animus spoliandi* ma jidholx. Illi l-Qorti, m'ghandhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni jekk il-konvenuti kellhomx l-intenzjoni li jispoljaw. Fil-kawza **Philip Grima vs Joseph Mifsud *noe et*** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili 646/88 deciza fit-28 ta' Novembru, 2003 inghad li wiehed irid jara biss jekk oggettivament kienx hemm att spoljattiv (*spoliatum fuisse)*. Ghalhekk, huwa irrelevanti jekk kienx hemm *animus spoliandi.*

Fil-kawza fuq imsemmija, **Micallef vs Pace**, insibu:

“Il-konvenut ukoll jittrincera ruhu wara l-eccezzjoni li hu ma kellux l-“*animus spoliandi*”. Issa hu minnu li f’bosta decizjonijiet tal-passat il-Qrati kienu jsegwu dak li kienu jghidu guristi u awturi francizi u taljani u kienu ghalhekk japplikaw l-fehmiet taghhom, kompriz ghalhekk l-ezami ta’ l-element intenzjonali fl-ispoljatur.

Fiz-zmenijiet ricenti pero` din l-impostazzjoni dwar l-agir ta’ l-ispoljatur giet imwarrba u meqjusa aljena ghall-ordinament guridiku taghna fuq il-materja tar-reintegranda.

Din l-interpretazzjoni espozittiva tal-ligi taghna rat it-tluq taghha mid-decizjoni fl-ismijiet “**Philip Grima vs Joseph Mifsud *et***”, Qorti tal-Kummerc, 23 ta’ Ottubru 1990 per Imhallef G. Mifsud Bonnici. Tifsira segwita fi skorta ta’ sentenzi ohra: “**Carlo Cardona *et* vs Francesco Tabone**”, Appell Civili, 9 ta’ Marzu 1992; “**P.L. Anthony Buhagiar vs Mikiel Farrugia**”, Appell, 11 ta’ Novembru 1997 u “**Perit Carmelo Bonanno vs John Bartolo**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998, fost bosta ohrajn.”

<u>b. Vjolenza:</u>
Illi ghandu jigi rilevat li l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta’ spoll kien arbitrarju u kontra l-volonta` tal-pussessur b’mod li jista’ jaghti lok ghal azzjoni ta’ danni kontra min ikun ghamel dak l-att – Ara **Joseph Vella vs Salvu Micallef** deciza mill-Prim’Awla fit-30 ta’ April 1991.

Fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-2 ta’ Dicembru, 1955 fil-kawza fl-ismijiet **Ersilia Zahra vs Aurelio Carabott** Vol. XXXIX-I-320 inghad:
“Sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit ma hemmx bzonn il-*‘vis atrox’,* cioe` xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga; liema vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret kontra l-kunsens tas-sid…..”

Ezempji ta’ tali komportament da parte ta’ l-ispoljatur ghandu certament l-iskop li jimpedixxi l-liberu ezercizzju

tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet dimunizzjoni tal-pussess, jew hsara lil min isofri l-ispoll – Vol. XLI-II-1129.

***<u>4. L-azzjoni trid issir fi zmien xaharejn:</u>***

It-tielet element ghalhekk hu li l-azzjoni tkun giet proposta entro t-terminu ta' xahrejn mill-att spoljattiv – *infra bimestre deduxisse*. Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fis-7 ta' Frar, 1958 mill-Imhallef A Magri fl-ismijiet **Michael Mamo vs Philip Grima** XLII-II-915 insibu:

"Iz-zmien tal-azzjoni jibda mill-gutnata tal-ispoll (art. 572 {illum 535} Kod. Civ.), u mhux mindu l-attur gie jaf bih...Iz-zmien ta' xahrejn huwa terminu ta' dekadenza (Kollez. XXIV-I-276 **Sammut vs Pellegrini Petit**); u ghalhekk, bhala regaola, mhux suggett ghar-regoli tal-preskrizzjoni."

Fil-kawza deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Frar 1992 fl-ismijiet **Michelangelo Fenech *noe* vs Alfred Camilleri** inghad:

"It-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur."

Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Victor Sultana vs Carmelo *sive* Charles Gafa`** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 1998."

***<u>D3. Elementi fil-kaz de quo:</u>***

Matul il-kors tal-kawza irrizultat bl-aktar mod car li r-rikorrent ilu jghaddi minn dan l-isqaq u kien fil-pussess tieghu sa minn meta hu xtara l-proprjeta` tieghu fl-4 ta' Ottubru, 1979. Kif sewwa elenka r-rikorrent dan jirrizulta:

"a). Mix-xhieda tal-attur waqt is-seduta tal-24 t'Ottubru 2006 (fol 46 sa 48) u fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 (a fol 49) fejn spjega b'mod dettaljat kif ottjena r-raba tieghu u kif kien jghaddi ghar-raba tieghu minn gol-isqaq;

b). Ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Alfred Camilleri li spjega, waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2006, kif bejn 1979 u 1983 qatt ma kien ostakolat milli jghaddi mill-istess sqaq ghal gol-ghalqa tal-attur (fol 49);

c). Mix-xhieda ta' Melvyn Vassallo, iben l-attur (fol 50) fejn stqarr fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2006 li s-sqaq dejjem kienu juzawh li kienu jidhlu fl-ghalqa mill-fetha (xatba) li tidher fir-ritratt P4;

d). Mix-xhieda ta' Jimmy Vassallo, in-neputi tal-attur, li stqarr waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2007 li kien imur l-ghalqa tal-attur mindu kellu 6 snin u jispjega li qatt ma sab problemi biex jghaddi min-naha tal-ghalqa fejn kien hemm xatba u xi pjanci biex tghaddi ghal gol-ghalqa. (fol 41-42);

e). Mix-xhieda ta' Joe Vassallo li waqt is-seduta tad-19 ta' Jannar 2007 spjega dettaljatament kif kien jghaddi ghal gol-ghalqa tal-attur minn gox-xatba fl-isqaq (fol 38-39);

f). L-ahhar u mhux l-inqas **mix-xhieda tal-intimat Carmelo Pace innifsu** li ammetta dan li gej waqt il-kontroezami tieghu fl-24 t'April 2008: "Qed nigi mistoqsi meta ghalaqt l-isqaq u nghid li ghalaqtu ghall-habta tal-1983 u ghalaqtu wkoll xi sentejn ilu. Nghid li bejn 1983 u 2006 s-Sur Vassallo kien jghaddi xorta minn hemmhekk. Jien kont ghidtlu kemm-il darba li hemmhekk huwa tieghi. (a fol 92); …"

Irrizulta fil-kors tal-kawza li originarjament l-intimat waddab gebel u terrapien b'mod li almenu in parte gie ostakolat l-access tar-rikorrent mill-imsemmi sqaq. In segwitu, fil-kors tal-kawza l-intimat Pace imbarra ghal kollox l-entratura ta' l-isqaq b'bieb li jinqafel bil-katnazz. Dan juri bic-car li jezistu l-elementi kemm tal-pussess kif ukoll tal-vjolazzjoni ta' l-istess pussess.

Ir-rikorrent semma li kien l-istess intimat li ghall-ewwel pogga l-knaten biex jostakola l-passagg mill-isqaq. In segwitu l-istess intimat nehha l-gebel u wahhal bieb, u dan ghalkemm ir-rikorrent kellu l-pussess. Prova ta' dawn hemm id-depozizzjoni ta' l-attur u xhieda ohra oltre dokumenti esebiti, specjalment dawk fotografici. Inoltre mill-verbal ta' l-access tal-Perit J. M. Jaccarini tal-24 ta' Ottubru, 2006 fejn jghid li:

"wara li saru xi verifiki li l-Perit tekniku hass li kienu relevanti ghall-kwistjoni fosthom il-fatt li l-knaten li kienu tpoggew fl-istess sqaq kif jidher tajjeb fir-ritratt li jinsab a fol. 4 tal-process, kienu tnehhew u li l-entratura ghall-isqaq issa giet fornita b'bieb li naturalment jissakkar…".

Kien l-istess Carmelo Pace a fol 91 li xehed:
"nghid li sussegwentement wara li qamet din il-kwistjoni fuq l-isqaq jiena ghalaqtu dan l-isqaq u jiena ghalaqtu wara li accertajt ruhi li dan l-isqaq huwa tieghi mill-verifiki li ghamilt…"

Dan iwassal li ghamilha cara li kien propju l-intimat li ikkommetta l-ispoll. Il-kwistjoni li l-intimat issolleva li l-isqaq huwa proprjeta` tieghu hija immaterjali ghall-ezitu tal-kawza odjerna ghax anke s-sid jista' jkun hati ta' spoll purche jirrikorru l-elementi fuq imsemmija. Ic-citazzjoni giet intavolata fil-21 ta' Frar, 2006. Skond Nicholas Vassallo l-intimat waqqfu milli jghaddi fl-ahhar ta' Jannar, 2006 u ghalhekk certament entro z-zmien ta' xahrejn mill-vjolazzjoni.

L-intimat ipprova wkoll jargumenta hekk:
"Illi l-esponent jghid li huwa minnu li l-Qrati taghna jghidu li wiehed m'ghandux jistrieh fuq formalizmu eccessiv, fonti ta' litigi zejda u prokrastinazzjoni inutili, izda dan biss fejn ma tkunx tirrizulta l-effettiva vjolazzjoni tal-ligi. Pero` l-esponent jirrileva li hija regola procedurali, sostenuta mill-gurisprudenza, illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre' li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. In-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (*Vide* **Carmelo Cassar *noe* vs Victor Zammit** [Appell Civili], 23 ta' Gunju, 2004). L-esponent jaghmel ukoll riferenza ghall-kawza '**Grobett Holdings Limited vs Steve Abela**' (deciza 10 ta' Ottubru 2005) fejn il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) qalet, 'Huwa principju maghruf illi fl-ghoti ta' sentenza l-Imhallef civili ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa ghandu joqghod strettament ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba

fic-citazzjoni. Is-sentenza ghalhekk kellha tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-principji tad-dritt applikabbli ghalihom u tenut kont ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni’; …”

Ukoll, l-intimat ipprova jiddefendi l-agir tieghu billi jghid li irrizulta li l-intimat ghamel biex jinqafel bil-katnazz li ghalaq l-access tar-rikorrent izda r-rikorrent ilmenta minn haga ohra fir-rikors guramentat. A bazi ta’ dan jipprova jqabbad difrejh bhala difiza li l-Qorti ma tistax issib spoll kawzat bit-twahhil tal-grada ghax ma kenitx fil-kawzali tar-rikors. Izda l-att spoljattiv jikkonsisti primarjament mill-att vjolenti li jispolja lill-persuna mill-pussess *ut sic* u mhux minn jekk taghmilx knatan jew grada b’mod li meta jigi pruvat l-ispoll, l-obbligu tal-Qorti, huwa li ggieghel lil minn ikkawza l-ispoll jerga’ jqieghed kollox fi stat pristin.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghall-motivi msemmija taht “D2” u “D3” hawn fuq il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni minhabba li irrizultaw l-elementi kollha rikjesti ghall-ispoll.

Ukoll tichad it-tieni eccezzjoni minhabba li irrizulta li l-azzjoni giet prezentata fit-terminu.

Dwar it-talba tar-rikorrent, tiddikjara li l-intimat ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront tar-rikorrent billi qed jostakola l-access liberu tieghu ghar-raba’ tieghu.

Tordna lill-intimat jirriprestina kollox ghall-istat originali tieghu billi jnehhi l-knaten, gebel u terrapien minn gol-isqaq in kwistjoni fi zmien xahar mil-lum.

Fin-nuqqas li dan isir, il-Qorti tawtorizza lir-rikorrent inehhi l-knaten, gebel u terrapien minn gol-isqaq a spejjez ta’ l-intimat wara li jsir rikors appozitu.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------